MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 806/2008

**ALLIED NEWSPAPERS LIMITED** (C-308)

**vs**

**AG VENTURES LIMITED** (C-17492)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fis-7 ta' Awwissu, 2008, li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' mharrka biex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u tmienja u sittin euro u tlieta u tmenin centezmi (€13,968.83) li tirraprezenta prezz ta' servizzi rezi mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' mharrka fuq talba ta' din tal-ahhar;

Talbet ukoll il-hlas ta' l-imghax legali u l-ispejjez;
Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimata li naqset li tidher meta ssejhet il-kawza, u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta intimata tiddeciedi billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** u taqta' l-kawza minghajr is-smigh;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-socjeta' mharrka, biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u tmienja u sittin euro u tlieta u tmenin centezmi (€13,968.83) rapprezentanti prezz ta' servizzi moghtijin, kif fuq inghad, flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mis-7 ta' Awissu, 2008, sal-jum tal-hlas effettiv.

3. **Tikkundanna** lis-socjeta' mharrka thallas **l-ispejjez tal-kawza**.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------